# Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Inqas proċeduri amministrattivi għaċ-ċittadini: Il-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni ħielsa tad-dokumenti pubbliċi u r-rikonoxximent tal-effetti ta' atti ta' stat ċivili"

(2012/C 54/05)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

— jinnota li atti ta' stat ċivili bħaċ-ċertifikati tat-twelid, taż-żwieġ u tal-mewt, reġistrazzjonijiet ta' divorzju, bidliet fl-ismijiet, eċċ huma fundamentali għall-identità u l-kapaċità ta' persuna biex tipparteċipa bis-sħiħ fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika;

— jenfasizza l-fatt li d-dokumenti pubbliċi jaqdu funzjoni essenzjali biex jiżguraw li d-drittijiet tal-UE jkunu jistgħu jiġu eżerċitati b'mod effettiv mill-benefiċjarji tagħhom;

— jenfasizza l-fatt li l-leġislazzjoni tal-istat ċivili taqa' esklużivament taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali kostitwenti tagħhom; jenfasizza wkoll li hemm bżonn li jiġu rispettati l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;

— għandu l-istess objettiv wiesa' tal-Kummissjoni li jiġu identifikati u eliminati l-ostakli biex jiġu eżerċitati d-drittijiet tal-UE b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet transkonfinali u li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jesperjenzaw aktar benefiċċji prattiki u viżibbli b'riżultat tal-integrazzjoni kontinwa tal-UE; iħeġġeġ li l-indirizzar tal-bżonnijiet taċ-ċittadini jkun l-enfasi primarju tal-iżvilupp tal-politika f'dan il-qasam;

— jaqbel mal-fehma li l-legalizzazzjoni tad-dokumenti pubbliċi bejn l-Istati Membri m'għandhiex tkun neċessarja; madankollu, fid-dawl tal-fatt li hemm skambju ta' informazzjoni li ma tistax tafdah u li mhuwiex komplut, jissuġġerixxi li qabel ma tiġi introdotta leġislazzjoni, jista' jkun hemm bżonn li jiġu stabbiliti faċilitajiet għal kooperazzjoni amministrattiva bejn ir-reġistraturi fl-Istati Membri biex ir-reġistraturi jkunu jistgħu jfittxu li jawtentikaw dokumenti jekk ikollhom bżonn; sadanittant u biex jiġu ffaċilitati n-negozjati ma' pajjiż barra mill-UE, jikkunsidra li l-Istati Membri għandhom jeżaminaw, bil-għan li jadottaw, l-e-APP għall-ħruġ u l-użu ta' appostilli elettroniċi;

— iqis li l-possibbiltà li jiġi stabbilit Uffiċċju Ewropew tal-Istat Ċivili m'għandhiex tiġi injorata jekk jista' jintwera li din tkun soluzzjoni aktar effiċjenti u aktar effettiva milli l-istabbiliment ta' sensiela ta' uffiċċji ġodda jew miż-żamma ta' uffiċċji simili fl-Istati Membri;

— jipproponi li tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' linji gwida dwar l-aħjar prattika għall-Istati Membri biex tiġi faċilitata l-provvista ta' dokumenti ta' stat ċivili fuq bażi transkonfinali.

| | |
|---|---|
| **Relatur** | Is-Sur Patrick McGOWAN (IE/ALDE), Membru tal-Kunsill tal-Kontea ta' Donegal u tal-Awtorità Reġjonali ta' Border |
| **Dokument ta' referenza** | Green Paper: Inqas proċeduri amministrattivi għaċ-ċittadini: Il-promozzjoni taċ-ċirkolazzjoni ħielsa tad-dokumenti pubbliċi u r-rikonoxximent tal-effetti ta' atti ta' stat ċivili<br><br>COM(2010) 747 |

## I. RAKKOMANDAZZJONIJIET TA' POLITIKA

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

1. jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea favur il-ksib ta' Unjoni taċ-ċittadini permezz tat-tnedija tal-Green Paper għal dibattitu madwar l-UE dwar l-opportunitajiet għall-proposti leġislattivi b'żewġ oqsma distinti iżda relatati:

(a) iċ-ċirkolazzjoni ħielsa tad-dokumenti pubbliċi permezz tal-eliminazzjoni tal-formalitajiet tal-legalizzazzjoni bejn l-Istati Membri u

(b) r-rikonoxximent tal-effetti ta' ċerti atti ta' stat ċivili sabiex statut legali mogħti fi Stat Membru jkun jista' jiġi rikonoxxut bl-istess konsegwenzi legali fi Stat Membru ieħor;

2. jinnota li d-dokumenti pubbliċi jinkludu bosta atti u dokumenti amministrattivi, notarili u ġudizzjarji u jinkorporaw atti ta' stat ċivili li jiddefinixxu u jirrappreżentaw avvenimenti matul il-ħajja; jinnota wkoll li atti ta' stat ċivili bħaċ-ċertifikati tat-twelid, taż-żwieġ u tal-mewt, reġistrazzjonijiet ta' divorzju, bidliet fl-ismijiet, eċċ huma fundamentali għall-identità u l-kapaċità ta' persuna biex tipparteċipa bis-sħiħ fil-ħajja soċjali, ekonomika u politika;

3. jenfasizza l-fatt li d-dokumenti pubbliċi jaqdu funzjoni essenzjali biex jiżguraw li d-drittijiet tal-UE jkunu jistgħu jiġu eżerċitati b'mod effettiv mill-benefiċjarji tagħhom. Dawn id-drittijiet jinkludu ċ-ċirkolazzjoni ħielsa taċ-ċittadini u l-membri tal-familja tagħhom, iċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-ħaddiema, il-libertà ta' stabbiliment, is-sigurtà soċjali, iċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-prodotti u s-servizzi u ġustizzja effettiva għaċ-ċittadini fir-rigward ta' kwistjonijiet ċivili u kummerċjali; tabilħaqq varjetà wiesgħa ħafna ta' dokumenti pubbliċi huma rilevanti għar-rikonoxximent tad-drittijiet tal-UE;

4. għandu l-istess objettiv wiesa' tal-Kummissjoni li jiġu identifikati u eliminati l-ostakli biex jiġu eżerċitati d-drittijiet tal-UE b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet transkonfinali u li b'mod ġenerali tonqos il-burokrazija biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transkonfinali u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jesperjenzaw aktar benefiċċji prattiki u viżibbli b'riżultat tal-integrazzjoni kontinwa tal-UE; iħeġġeġ li l-indirizzar tal-bżonnijiet taċ-ċittadini jkun l-enfasi primarju tal-iżvilupp tal-politika f'dan il-qasam;

5. jenfasizza li d-diversità fundamentali tas-sistemi ta' stat ċivili (ibbażati fuq l-avvenimenti, il-persuni u r-reġistru tal-popolazzjoni) u proċeduri differenti fis-seħħ madwar l-UE jirriflettu l-arranġamenti kostituzzjonali u leġislattivi tal-awtoritajiet pubbliċi tagħhom u jirrappreżentaw il-valuri soċjetali differenti tagħhom; il-fatt li l-atti ta' stat ċivili għandhom effetti legali differenti fl-Istati Membri differenti huwa eżempju tad-diversità;

6. jemmen li d-dispożizzjoni tar-reġistrazzjoni tal-istat ċivili hija ġeneralment effiċjenti fi ħdan l-Istati Membri iżda l-problemi jfeġġu l-aktar fir-rigward ta' kwistjonijiet transkonfinali; madankollu, jinnota li madwar terz tar-reġistrazzjonijiet kollha tal-istat ċivili fl-UE għandhom aspett transkonfinali u b'żieda fil-mobbiltà il-problemi amministrattivi ser ikomplu jiżdiedu; fattur ieħor li jkompli jikkomplika s-sitwazzjoni li qed jiffaċċjaw iċ-ċittadini fir-rigward ta' kwistjonijiet transkonfinali huwa d-diversità tal-liġi applikabbli fejn kull pajjiż għandu r-regoli tiegħu dwar il-kunflitti fil-liġi;

7. jenfasizza l-fatt li filwaqt li xi dokumenti pubbliċi (pereżempju kwalifiki professjonali) jistgħu jkunu soġġetti għal-liġi tal-UE, il-leġislazzjoni tal-istat ċivili taqa' esklużivament taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali kostitwenti tagħhom; jenfasizza wkoll li hemm bżonn li jiġu rispettati l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fl-iżvilupp tal-politika u tal-leġislazzjoni tal-UE f'dan il-qasam;

8. jenfasizza li l-awtoritajiet kompetenti għal-legalizzazzjoni tad-dokuemnti jvarjaw ħafna minn Stat Membru għal ieħor u fi ħdan l-Istati Membri b'firxa usa' ta' awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-atti ta' stat ċivili li jvarjaw minn responsabbiltajiet ġudizzjarji għal dawk reliġjużi u amministrattivi f'livelli differenti ta' governanza; minkejja dan jinnota li huwa l-aktar frekwenti fil-livell lokali u reġjonali li ċ-ċittadini jidħlu f'kuntatt ma' dawn l-awtoritajiet b'madwar 80 000 uffiċju lokali tal-insinwa madwar l-UE;

9. jemmen li l-kwistjonijiet m'għandhomx jiġu kkunsidrati purament f'iżolazzjoni izda għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fil-kuntest usa' ta' politiki tal-Unjoni, bħall-politika ekonomika, l-Aġenda Diġitali, il-politika soċjali u l-politika esterna bil-għan li tissaħħaħ il-koerenza, l-effikaċja u l-konsistenza tal-azzjonijiet tal-Unjoni;

### Iċ-ċirkolazzjoni ħielsa tad-dokumenti pubbliċi

10. jinnota li normalment tintuża l-legalizzazzjoni biex tiġi stabbilita l-preżunzjoni ta' awtentiċità ta' dokument pubbliku barrani peress li l-awtoritajiet f'pajjiż partikolari ma jkunux familjari mas-siġilli, it-timbri u l-firem ta' awtorità li tkun ħarġet id-dokument pubbliku; madankollu jirrikonoxxi li ċerti dokumenti pubbliċi bħall-passaporti, il-liċenzji tas-sewqan u s-sentenzi huma rikonoxxuti mingħajr miżuri addizzjonali ta' legalizzazzjoni;

11. jemmen li l-legalizzazzjoni tieħu l-ħin, tiswa l-flus u tirrikjedi impenn u fiha nnifisha mhijiex miżura adatta biex tipprevjeni l-frodi fl-użu transkonfinali ta' dokumenti pubbliċi; jaqbel mat-termini tal-Programm ta' Stokkolma li l-UE għandha tuża b'mod attiv il-parteċipazzjoni tagħha fil-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata biex tippromovi konvenzjonijiet rilevanti (li jirreferu wkoll għall-Kummissjoni Internazzjonali dwar l-Istat Ċivili), peress li qabel dan l-Istati Membri ma ħadux approċċ kollaborattiv huma u jindirizzaw il-konvenzjonijiet dwar il-legalizzazzjoni tad-dokumenti;

12. jirrikonoxxi li l-applikazzjoni tal-konvenzjonijiet eżistenti li jindirizzaw il-legalizzazzjoni tad-dokumenti u t-tiżwiq ta' trattati bilaterali hija frammentata, pereżempju, il-Konvenzjoni ta' Brussell tal-1987 li abolixxiet il-legalizzazzjoni ta' dokumenti pubbliċi bejn l-Istati Membri ġiet iffirmata minn anqas minn nofs l-Istati Membri tal-UE, u ftit kienu dawk li rratifikawha u implimentawha provviżorjament;

13. jaqbel mal-fehma li l-legalizzazzjoni tad-dokumenti pubbliċi bejn l-Istati Membri m'għandhiex tkun neċessarja f'UE msejsa fuq fiduċja reċiproka u jikkunsidra wkoll li formalitajiet amministrattivi oħra li jaġixxu bħala ostakli għaċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea u d-dritt għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, bħaċ-ċertifikat ta' nonimpediment u ċ-ċertifikat ta' liġi, jistgħu ma jibqgħux neċessarji bejn l-Istati Membri;

14. madankollu, fid-dawl tal-fatt li hemm skambju ta' informazzjoni li ma tistax tafdah u li mhuwiex komplut bejn l-insinwi tal-Istati Membri (fil-fatt xi Stati Membri la jibgħatu u lanqas jirċievu informazzjoni dwar avvenimenti ta' stat ċivili barrani), jissuġġerixxi li qabel ma tiġi introdotta leġislazzjoni, jista' jkun hemm bżonn li jiġu stabbiliti faċilitajiet għal kooperazzjoni amministrattiva bejn ir-reġistraturi fl-Istati Membri biex ir-reġistraturi jkunu jistgħu jfittxu li jawtentikaw dokumenti jekk ikollhom bżonn; bl-istess mod, jista' jkun hemm bżonn li jiġu stabbiliti mezzi ta' kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-awtentifikazzjoni ta' dokumenti uffiċjali oħra, pereżempju kwalifiki edukattivi u atti notarili; inċidentalment dawn il-faċilitijiet għall-kooperazzjoni jistgħu jgħinu wkoll lill-uffiċjali huma u jivverifikaw l-eżatezza tal-kontenut ta' dokument kif ukoll l-awtentiċità tad-dokument;

15. barra minn hekk, jemmen li r-raġuni wara l-fatt li xi Stati Membri żammew lura milli jirratifikaw konvenzjonijiet rilevanti eżistenti (bħall-Konvenzjoni ta' Brussell tal-987) għandha tiġi eżaminata hekk kif għandhom jiġu eżaminati l-esperjenzi ta' dawk l-Istati Membri li implimentaw proviżżorjament din il-Konvenzjoni;

16. sadanittant u biex jiġu ffaċilitati n-negozjati ma' pajjiż barra mill-UE, jikkunsidra li l-Istati Membri għandhom jeżaminaw, bil-għan li jadottaw, l-e-APP [1] għall-ħruġ u l-użu ta' appostilli elettroniċi flimkien mar-reġistru elettroniku b'aċċessibbiltà onlajn, li tnediet reċentement fl-Ewopa minn Spanja taħt il-proġett e-App għall-Ewropa, bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea;

## Kwistjonijiet transkonfinali u r-rikonoxximent tal-effetti ta' atti ta' stat ċivili

17. jenfasizza li t-trażmissjoni transkonfinali ta' dokumenti dwar l-istat ċivili hija problema sinifikanti għal ħafna ċittadini. F'xi Stati Membri, biex individwu jaċċessa l-atti ta' stat ċivili tiegħu stess jew biex jikseb apostilli hemm bżonn li jmur fil-post fiżikament; din il-burokrazija mhux meħtieġa tista' tfisser spiża sinifikanti għall-persuni li jgħixu barra mill-Istat Membru partikolari; filwaqt li jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà, jipproponi li tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' linji gwida dwar l-aħjar prattika għall-Istati Membri biex tiġi faċilitata l-provista ta' dokumenti ta' stat ċivili fuq bażi transkonfinali, b'salvagwardji adegwati biex jonqos ir-riskju tal-frodi;

18. jenfasizza li kull Stat Membru żviluppa l-acquis tiegħu stess dwar iċ-ċittadinanza u l-istat ċivili abbażi tal-istorja, il-kultura, is-sistema politika u legali tiegħu u li l-introduzzjoni ta' bidliet ewlenin jista' jkollha implikazzjonijiet kostituzzjonali, leġislattivi u ekonomiċi sinifikanti għall-awtoritajiet fi ħdan l-Istati Membri u jirrikjedu bidliet legali u amministrattivi kompleti fil-proċessi u l-istrutturi; bl-istess mod dan jista' jwassal għal bidliet soċjali u kulturali sinifikanti għaċ-ċittadini u s-soċjetà;

19. jirrikonoxxi madankollu li ċ-ċittadini tal-UE, partikolarment dawk li jgħixu u jaħdmu fi Stat Membru ieħor, ser jistennew li ħajjithom ma ssirx ikkumplikata żżejjed minħabba l-burokrazija huma u jindirizzaw kwistjonijiet transkonfinali ta' stat ċivili;

20. jirrikonoxxi li l-loġistika u l-ispejjeż li jiġi provdut taħriġ kontinwu għal madwar 125 000 reġistraturi fl-UE dwar is-sistemi u l-proċessi tal-istat ċivili ta' Stati Membri oħra mhumiex realistiċi; b'hekk jenfasizza l-bżonn li jiġu żviluppati soluzzjonijiet aktar vijabbli biex jiġu indirizzati l-problemi attwali li qed jiffaċċjaw iċ-ċittadini;

21. jaċċetta l-fatt li l-kuntatti attwali mhux kompleti u ad hoc bejn ir-reġistraturi tal-Istati Membri jistgħu jkunu riżultat ta' diffikultajiet legali, proċedurali, loġistiċi u fuq kollox lingwistiċi; għalhekk jissuġġerixxi li l-Kummissjoni Ewropea għandha timpenja ruħha biex twaqqaf grupp espert ta' speċjalisti fil-qasam tar-reġistri minn kull Stat Membru biex il-proposti dwar l-indirizzar ta' kwistjonijiet transkonfinali jkunu jistgħu jibbenefikaw minn kontribut wiesa' u biex l-UE tkun tista' taħdem b'mod aktar kollaborattiv fil-fora internazzjonali;

22. jikkunsidra li l-bżonn li jiswa l-flus u jieħu l-ħin tat-traduzzjonijiet u ta' traduzzjonijiet ċertifikati tad-dokumenti pubbliċi għandu jonqos billi jintużaw aktar formoli standardizzati u permezz tal-applikazzjoni ta' sistemi elettroniċi ta' reġistrazzjoni u qari; jemmen li dawn l-iżviluppi jistgħu jimxu 'l quddiem fi ħdan fora internazzjonali akbar;

[1] Taħt il-Program Pilota tal-Apostilli elettroniku (e-APP), il-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata (HCCH) u l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tan-Nutara tal-Istati Uniti (NNA), flimkien ma' Stat interessat (jew kwalunkwe mill-ġurisdizzjonijiet interni), qed jiżviluppaw, jippromovu u jgħinu fl-implimentazzjoni ta' teknoloġija tas-software bi prezzijiet baxxi, operattiva u sigura għall-ħruġ u l-użu ta' Apostilli elettroniċi (e-Apostilli) u l-ħolqien u t-tħaddim ta' reġistri elettoniċi ta' apostilli (e-Reġistri).

23. jaċċetta l-fatt li hemm rieda qawwija għal semplifikazzjoni burokratika, billi l-proċessi bbażati fuq il-karti jiġu trasferiti onlajn, u dan, flimkien mal-possibiltajiet offruti mill-ħżin u t-trażmissjoni elettroniċi tad-data, jipprovdi opportunità u spinta għall-modernizzazzjoni u ċ-ċentralizzazzjoni tas-sistemi tal-informazzjoni;

24. iqis li r-reġistrazzjoni tal-avvenimenti kollha ta' stat ċivili ta' persuna f'post ċentrali hija objettiv utli għal dawk l-Istati Membri li ma jagħmlux dan; barra minn hekk dan għandu jiffaċilita r-reġistrazzjoni ta' avveminenti ta' stat ċivili extra-nazzjonali iżda jagħraf li dan jista' jkollu implikazzjonijiet finanzjarji sinfikanti u jista' jkun ta' tħassib fir-rigward tas-sussidjarjetà għall-awtoritajiet responsabbli u f'ħafna każijiet jista' ma jkunx politikament vijabbli;

25. madankollu jirrikonoxxi li r-reġistrazzjoni ċentralizzata ma teżistix f'ħafna Stati Membri u punt ta' kuntatt uniku jista' jgħin biex jiġu minimizzati l-problemi prattiċi li jiffaċċjaw ir-reġistraturi u ċ-ċittadini; iżda skont il-kwistjonijiet bħad-disponibbiltà tal-informazzjoni, id-daqs tal-pajjiż, il-qsim tar-responsabbiltajiet leġislattivi, il-kwistjonijiet lingwistiċi eċċ. fi ħdan l-Istati Membri, jikkunsidra li tali punti ċentrali ta' informazzjoni jistgħu jiġu stabbiliti fil-livell reġjonali;

26. jemmen li hemm bżonn li jintwera li l-iskemi pilota żviluppati għall-iskambju elettroniku ta' atti ta' stat ċivili jistgħu jaħdmu b'mod effettiv u effiċjenti u jistgħu jiġu adatti għal użu usa' u lest jilqa' reviżjoni tal-għodod elettroniċi eżistenti li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi tal-UE; iqis li hija prijorità li jiġu introdotti salvagwardji għall-prevenzjoni tal-frodi u biex jiġu protetti l-privatezza u d-data personali taċ-ċittadini;

27. iqis li r-rabtiet jistgħu jissaħħu bejn is-sorsi ta' informazzjoni tal-UE u l-provvedituri rilevanti ta' informazzjoni fi ħdan l-Istati Membri fir-rigward tal-provvediment ta' informazzjoni liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom tal-UE b'mod ġenerali u jemmen li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jgħinu f'dan ir-rigward;

28. jirrikonoxxi li l-idea ta' Ċertifikat Ewropew armonizzat dwar l-Istat Ċivili hija ambizzjuża ħafna peress li l-Istati Membri għandhom kunċetti differenti ħafna tan-natura, il-forma u l-kontenut taċ-ċertifikati tal-istat ċvili; pereżempju apparti d-differenzi tal-valur probattiv tagħhom u kif jistgħu jiġu emendati, iċ-ċertifikati tat-twelid madwar l-UE jistgħu jinkludu informazzjoni dwar il-leġittimità u r-reliġjon tat-tarbija u l-istat maritali u soċjoekonomiku tal-ġenituri;

29. kif diġà ntqal, jidher li ċ-Ċertifikati Ewropej tal-Istat Ċivili inizjalment jirrikjedu l-operazzjoni simultanja tal-iskemi nazzjonali u tal-UE, dan iwassal għal problemi ta' interpretazzjoni legali tal-konsistenza u r-rilevnza ta' sistemi differenti fid-dawl tal-fatt li diġà hemm ħafna kombinazzjonijiet u permutazzjonijiet tal-liġijiet ċivili, reliġjużi u barrnin li jista' jkollhom bżonn jiġu deċiżi mill-qrati fl-Istati Membri;

30. fid-dawl tal-istrutturi u l-proċessi legali u amministrattivi rigward ir-reġistrazzjoni ċivili madwar l-UE, il-proposta li ċ-ċertifikati tal-istat ċivili maħruġa minn Stati Membri oħra jiġu rikonoxxuti awtomatikament hija problematika wkoll u ma tistax titħaddem mingħajr bidliet sinifikanti fil-leġislazzjoni domestika fi ħdan l-Istati Membri biex jiġu eliminati l-inkonsistenzi ta' kif jiġu trattati ċ-ċittadini;

31. jikkunsidra li fid-dawl tal-differenzi bejn l-Istati Membri dwar dawn il-kwistjonijiet, jemmen li l-Kummissjoni Ewropea tista' tipproċedi, anke fuq il-bażi ta' kooperazzjoni msaħħa, billi tistandardizza l-kunflitt tal-liġi u kwistjonijiet ġurisdizzjonali fir-rigward ta' kwistjonijiet oħra ta' stat ċivili biex ikun hemm aktar ċarezza għaċ-ċittadini;

32. madankollu jemmen li jekk iċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħżlu l-liġi applikabbli ta' Stat Membru u mhux ta' ieħor b'rabta mal-avvenimenti ta' stat ċivili jista' jwassal għal diffikultajiet, pereżempju koppja tista' ma taqbilx dwar il-ġurisdizzjoni u dan jista' jwassal għal "xiri ta' stat ċivili" fejn individwu jfittex prattiki li jaqblu għaċ-ċirkostanzi tiegħu;

33. iqis li l-possibbiltà li jiġi stabbilit Uffiċċju Ewropew tal-Istat Ċivili m'għandhiex tiġi injorata jekk jista' jintwera li din tkun soluzzjoni aktar effiċjenti u aktar effettiva milli l-istabbiliment ta' sensiela ta' uffiċċji ġodda jew miż-żamma ta' uffiċċji simili fl-Istati Membri; jemmen ukoll li dan jista' (a) jgħin fl-iżvilupp ta' approċċ tal-UE aktar kolleġġjali fir-rigward ta' konvenzjonijiet internazzjonali; (b) itejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tal-għbir u l-iskambju ta' prattiki u esperjenzi tajba pereżempju għal-kompatibbiltà f'oqsma relatati mal-IT kif ukoll jipprovdi linji gwida lill-awtoritajiet nazzjonali dwar kwistjonijiet internazzjonali; (c) jaġixxi bħala punt ta' kuntatt ċentrali għall-mistoqsijiet dwar l-istat ċivili b'dimensjoni transkonfinali li jista' jkun ta' benefiċċju għar-reġistraturi u ovvjament jgħin biex jiġu indirizzati l-problemi persistenti li ċ-ċittadini jesperjenzaw fl-aspettattivi leġittimi tagħhom huma u jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fi ħdan l-UE u (d) potenzjalment jaġixxi bħala back-up ċentralizzat tal-UE jew bħala reġistru ta' referenza għad-dokumentazzjoni tal-istat ċivili;

34. iħeġġeġ it-traspożizzjoni u l-applikazzjoni fil-ħin ta' leġislazzjoni eżistenti li tolqot id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE u jħeġġeġ ukoll aktar kollaborazzjoni min-naħa tal-Istati Membri billi jipparteċipaw f'organizzazzjonijiet intergovernattivi biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni internazzjonali fi kwistjonijiet ta' stat ċivili u r-ratifikazzjoni usa' ta' konvenzjonijiet eżistenti;

35. iħeġġeġ lill-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni fi ħdan l-Istati Membri biex jipprovdu kampjuni (u traduzzjonijiet) tad-dokumenti tal-istat ċivili onlajn biex ir-reġistraturi barranin ikunu ftit jew wisq midħla tagħhom; il-Kummissjoni Ewropea tista' tgħin fil-koordinazzjoni jew l-iffaċilitar ta' din l-inizjattiva;

36. jippromovi l-istabbiliment ta' netwerk ta' reġistraturi/esperti mill-Istati Membri kollha mill-Kummissjoni Ewropea biex jiġi analizzat jekk jistax ikun hemm biżżejjed kooperazzjoni amministrattiva fil-ħidma lejn l-eliminazzjoni ta' formalitajiet ta' leġislazzjonijiet u jappoġġja l-ħidma favur it-tfassil ta' proposti dwar l-armonizzazzjoni ta' kwistjonijiet dwar il-kunflitt tal-liġi. Madankollu jemmen li l-kwistjonijiet ta' rikonoxximent reċiproku u ċ-Ċertifikati Ewropej ta' Stat Ċivili jista' jkollhom bżonn jiġu analizzati aktar bir-reqqa;

37. iqis li filwaqt li l-Green Paper tindirizza b'mod neċessarju kwistjonijiet minn perspettiva tal-UE 27 u fuq perjodu fit-tul, il-KtR jenfasizza li għandhom jiġu kkunsidrati soluzzjonijiet aktar lokalizzati fl-indirizzar ta' problemi li ċ-ċittadini jiffaċċjaw fuq bażi regolari, partikolarment dawk li jgħixu f'żoni li jinsabu fil-fruntieri u li jistgħu jaħdmu u jgħixu f'ġurisdizzjonijiet differenti. F'dan ir-rigward, iħeġġeġ aktar ftehimiet bilaterali u multilaterali bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi oħra kif ukoll inizjattivi fil-livell sottonazzjonali simili għall-proġetti tar-REKT dwar il-kooperazzjoni territorjali;

38. jenfasizza li l-valutazzjonijiet tal-impatt ta' kwalunkwe leġislazzjoni proposta għandha titwettaq b'mod partikolari b'referenza għall-implikazzjonijiet soċjali, ekonomiċi u leġislattivi fi ħdan l-Istati Membri;

39. fid-dawl tar-responsabbiltajiet rilevanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-KtR jixtieq jipparteċipa bis-sħiħ fid-dibattitu hekk kif jiżvolġi u jixtieq iqiegħed in-netwerks konsultattivi ([2]) tiegħu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'dan ir-rigward.

Brussell, 14 ta' Diċembru 2011.

*Il-President*
*tal-Kumitat tar-Reġjuni*
Mercedes BRESSO

([2]) Ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (REKT), il-Pjattaforma ta' Monitoraġġ tal-Ewropa 2020 u n-Netwerk ta' Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà (li wettaqt konsultazzjoni dwar il-Green Paper mit-13 ta' Lulju sat-2 ta' Settemrbu 2011).